***- GARR TA' MERKANZIJA -***

***- RESPONSABILITA' TAS-SOCJETA' LI ASSUMIET L-ISTESS INKARIGU DI FRONTE GHALL-ATTUR -***

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 23 ta' Ottubru, 2001**

**Kawza Numru: 1**
**Citazzjoni Numru: 1448/95/RCP**

**Albert Abela**

**vs**

**S. Mifsud & Sons Ltd**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 2 fejn gie premess:-

Illi l-attur xtara gewwa l-Ingilterra numru ta' magni intizi biex jintuzaw ghax-xoghol tieghu ta' mastrudaxxa;

Illi l-attur ftiehem mas-socjeta` konvenuta illi l-istess socjeta` twassal l-imsemmija magni mill-Ingilterra ghal Malta;

Illi l-attur sar jaf illi filwaqt li wahda minn dawn il-magni kienet qed tigi merfugha sabiex titghabba fuq il-vapur, din il-magna garbet hsarat sostanzjali b'mod illi gie rez impossibbli l-uzu taghha;

Illi bhala fatt il-magna li garbet dawn il-hsarat baqghet ma gietx migjuba Malta mis-socjeta` konvenuta;

Illi l-attur talab inutilment lis-socjeta` konvenuta sabiex thallsu d-danni li huwa gie li sofra b'rizultat ta' l-inadempjenza kontratwali ta' l-istess socjeta' liema inadempjenza tissussisti ghar-ragunijiet hawn fuq spjegati, u dan minbarra danni ohrajn li l-attur ghad jista' jsofri ghaliex mhux ser ikun fil-posizzjoni li jesegiwixxi fiz-zmien pattwit certu xoghol li kkontratta li jahdem ghal terzi persuni;

Illi l-istess attur talab li s-socjeta` konvenuta tghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:-

1. Tiddeciedi li l-istess socjeta` konvenuta hija responsabbli ghad-danni li jigi li sofra l-attur minhabba hsarat avverrati fil-magna *de quo* kif fuq spjegat;

2. Tillikwida d-danni li jigi li sofra l-attur b'rizultat ta' l-inadempjenza tas-socjeta` konvenuta kif spjegat;

3. Tordna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur id-danni li jigu hekk likwidati;

Bl-imghax legali u bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta' sekwestru li intalab il-hrug tieghu mal-presentata tac-citazzjoni attrici, u bir-riserva espressa ta' kull dritt ta' azzjoni spettanti lill-attur biex jagixxi ghal danni futuri kontra s-socjeta` konvenuta ngunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 4 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 5 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol 9 tal-process:

1. Illi l-esponenti ma huwa bl-ebda mod responsabbli ghall-allegati danni subiti mill-attur stante li huma kienu inkarigati jorganizzaw it-trasport tal-merkanzija tal-attur mill-Ingilterra ghal Malta – ghal dan l-iskop kien ovvju li huma kienu sejrin iqabbdu nies fl-Ingilterra u infatti inkarigaw nies kompetenti u li ilhom fil-mestier u cioe` is-socjeta` *BSC Freight Limited ta' Essex*. Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu rigettati bl-ispejjes.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol 9 u l-lista ta' xhieda a fol. 10 tal-process;

Rat il-verbali tal-11 ta' Marzu 1996 u tas-6 ta' Mejju 1996.

Rat in-nota ta' l-attur tas-6 ta' Mejju 1996 fejn permezz taghha esebixxa affidavit (fol 15 sa 34 tal-process).

Rat in-nota tal-konvenut tat-13 ta' Mejju 1996.

Rat il-verbal tas-26 ta' Gunju 1996, tad-29 ta' Jannar 1997, tas-7 ta' April 1997, tad-19 ta' Mejju 1997, tat-23 ta' Gunju 1997, tat-30 ta' Jannar 1998, tal-1 ta' April 1998, tat-3 ta' April 1998, tad-9 ta' Novembru 1998 fejn xehed Etienne Vassallo, tal-14 ta' April 1999 fejn xehed in kontro-ezami Etienne Vassallo, tat-8 ta' Ottubru 1999, tas-7 ta' Jannar 2000, tat-28 ta' Frar 2000, tat-3 ta' April 2000, tad-29 ta' Mejju 2000 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta, tal-24 ta' Ottubru 2000, tat-8 ta' Frar 2001 fejn xehed Albert Abela u Dr Vassallo ddikjara li m'ghandux provi aktar, inghata digriet tal-affidavits tal-konvenut ta' 40 jum, tal-4 t'April 2001 fejn xehed il-konvenut Albert Abela u Adrian Mifsud; tat-30 ta' Mejju 2001 fejn Dr Schembri ddikjara li m'ghandux provi aktar u d-difensuri talbu li jaghmlu nota ta' osservazzjonijiet. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-23 ta' Ottubru 2001.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Albert Abela tas-17 t'Ottubru 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET</u>

### <u>(A) PROVI PRODOTTI.</u>

Illi b'affidavit tieghu tas-6 ta' Mejju 1996 (fol. 15 sa fol. 18) **l-attur Albert Abela** ezercitanti l-kummerc taht l-isem ta' "Albert Abela, Woodturner & Joinery Works" ta' Arcadia, Gilbiena Street, Zabbar sostna li huwa kien inkariga is-socjeta' konvenuta sabiex twassal mill-Ingilterra ghal Malta tlett magni li huwa xtara minghand id-ditta *"Trymwood Machinery Sales"* fi Bristol, konsistenti f'zewg (2) *"panel saws"* u *"sicar five head moulder"* li kien xtara bil-prezz komplessiv ta' hdax il-elf lira sterlina (Stg 11,000), konsistenti fil-prezz ta' stg 2,500 ghaz-zewg *panel saws* u stg 8,500 ghall-*"head-moulder"* (Dok. "A" - "B"). Fil-fatt l-original tal-istess dokumenti gew esebiti fit-8 ta' Frar 2001 bhala Dok. "A" u "B" a fol. 69 u 70 tal-process.

Illi l-istess magni kellhom jasslu Malta f'Gunju 1995, izda il-*"head-moulder"* baqghet ma wasslitx kif jirrizulta mid-dokumenti "C", "D, u "E", u dan anke peress li l-istess magna garbitilha l-hsara meta kienet qed titghabba fl-

Ingilterra kif jirrizulta minn dokument "E" mibghut mid-ditta *"Trywood Machinery Sales".* Fil-fatt l-istess magna qatt ma ingabet Malta mis-socjeta' konvenuta.

Illi d-danni li qed jippretendi l-attur huma s-segwenti:

(i) L-ammont ta' stg 8,500 rappresentanti tal-prezz li thallas mill-attur ghall-istess magna wara li jitnaqqas l-ammont ta' stg.3,000 li l-istess attur ircieva minghand l-istess ditta *"Trymwood Machinery Sales"* li hadu lura l-istess magna sabiex tigi adattata bhala *"four sided machine",* u l-attur accetta sabiex jimminimiza d-danni u b'dan informa lis-socjeta' konvenuta, u ghalhekk l-ammont li qed jippretendi huwa ta' stg5,500.

(ii) Lm500 bhala spejjez ta' vjagg u soggorn sabiex inxtraw l-istess magni.

(iii) Illi huwa kellu diversi xogholijiet x'jaghmel u allura huwa ikkoncentra fuq ix-xoghol formanti parti mill-ordnijiet li kellu skond id-dokumenti "H1", "H2", "H3", "H4", "H5", "H6", "H7", "H8", u "H9", sabiex ma jehilx penali u ghalhekk abbanduna xoghol iehor, u minhabba f'hekk lesta ix-xoghol cirka erba' (4) xhur wara d-data stipulata w allura qed jippretendi l-imghax fuq il-pagamenti li huwa ircieva erba' (4) xhur wara fuq 50% qliegh li kellu skond l-istess kuntratti.

Illi **Etienne Vassallo** prodott mis-socjeta' konvenuta xehed fid-9 ta' Novembru 1998 li bhala *shipping clerk* tas-socjeta' konvenuta huwa kien ittratta mal-attur li ried igib xi magni mill-Ingilterra, w ix-xhud informah li kellhom lis-socjeta' BSC Freight Limited li kienet tiehu hsieb l-istess garr u l-attur, skond ix-xhud ikkomunika ma din il-kumpanija.

Illi l-attur ma iffirma xejn, issemmew prezzijiet bejn wiehed u iehor ghall-ispejjez tat-trasport u *frieght* wara li l-attur tah il-mizurazzjonijiet tal-istess magni, u fil-fatt s-socjeta' konvenuta kkomunikat mas-socjeta' Ingliza ghall-ispejjez tal-*frieght,* u b'din informaw lill-attur. Illi jidher li sar kuntatt mas-socjeta' Ingliza tat-trasport mad-ditta Ingliza minn fejn inxtrat il-magna, u fil-fatt il-magni gew trasportati mill-fabbrika mis-socjeta' ingliza *BSC Frieght Limited* li pero' informat lis-socjeta' konvenuta li waqt it-taghbija wahda mill-magna kienet waqghet u garbet hsara.

Illi in kontro-ezami sostna li l-file relattiv ma ghadux jezisti u kkonferma d-dokumenti "D" a fol.22 li intbaghat mis-socjeta' B.S.C. Freight Limited lis-socjeta' konvenuta dwar il-merkanzija li effettivament ingabet Malta.

Illi in kontro-ezami ulterjuri fl-4 ta' April 2001 sostna li l-ewwel pagament ta' stg.5,000 ghamlu bi flus kontanti meta kien imsiefer ma' martu u l-bilanc ta' stg.6,000 ghamlu permezz tal-bank minn Malta kif jirrizulta mid-dokument "A" a fol. 19 u l-original ukoll Dok. "A" a fol. 69 fuq *invoice* numru 3721 datata 17 ta' Mejju 1995, u f'Dokument "D"

*invoice* numru 3720 datata wkoll 17 ta' Mejju 1995 jidher li thallas l-ammont ta' stg.5,000. Li l-original tieghu jinsab ukoll esebit bhala Dok. "B" a fol. 70 tal-process.

Illi gew esebiti wkoll mis-socjeta' konvenuta kopji ta' *invoices* numru 3720 datati lkoll 17 ta' Mejju 1995 u esebiti bhala Dok. "JS 1", "JS 2" u "JS 3" a fol. 73, 74, u 75 tal-process li l-istess attur sostna li dawn ma jafx minn fejn gew; mill-istess dokumenti jirrizulta li skond Dok. "JS 1" u Dok. "JS 3" thallsu stg3,500 u stg.1,500 rispettivament ghal *second hand sicar 5 head moulder,* b'kollox fl-ammont ta' stg.5,000, li skond l-attur thallsu *cash*; mentri l-*invoice* l-ohra hija ta' stg.2,500 li wkoll tidher li thallset.

Illi **Adrian Mifsud**, rappresentant tas-socjeta' konvenuta sostna fis-seduta tal-4 ta' April 2001 li ghalkemm il-file relattiv ma instabx id-dokumenti li gew esebiti mis-socjeta' konvenuta fl-istess seduta kienu ghand Dr. Joseph Schembri. Fuq l-istess dokument hemm notament *"copy handed to me by JV on 8$^{th}$ February 01"*, imma dan jirreferi biss ghad-dokumenti li ghadda l-avukat Dr. John Vassallo lid-difensur tas-socjeta' konvneuta. Pero' dwar id-dokumenti li gew esebiti mis-socjeta' konvenuta fl-istess seduta l-istess xhud sostna li ma jafx minn fejn gew ghalkemm kien jezisti file minn meta infethet il-kawza u mhux qabel, liema *invoices* gew mibghuta lilhom fid-19 ta' Lulju 1995 mentri l-kawza infethet fit-13 ta' Ottubru 1995.

## <u>(B) APPREZZAMENT TAL-PROVI.</u>

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur inkariga lis-socjeta' konvenuta sabiex tiehu hsieb titrasporta mill-Ingilterra ghall-Malta magni tal-mastrudaxxa li huwa kien xtara mill-Ingilterra, u ghal dan l-iskop l-istess socjeta' konvenuta jidher li inkarigat lis-socjeta' ingliza B.S.C. Freight Limited sabiex iggib l-istess merkanzija Malta.

Illi jirrizulta li kellhom jigu trasportati tlett (3) magni konsistenti f'zewg *panel saws* u *head moulder,* izda filwaqt li l-ewwel zewg magni wasslu Malta, l-ahhar magna lanqas telqet mill-Ingilterra stante li waqt li kienet qed titghabba jew fil-process tat-taghbija din twaqqet u gratilha hsara konsiderevoli.

Illi ineffetti s-socjeta' konvenuta ma hijiex qed tikkontesta dan l-istat ta' fatt tant li fl-eccezzjonijiet taghha ammettiet li l-istess socjeta' kienet inkarigata mill-attur sabiex *"torganizza it-trasport tal-merkanzija tal-attur mill-Ingilterra ghall-Malta - ghal dan l-iskop kien ovvju li huma kienu sejrin iqabbdu nies mill-Ingilterra u infatti inkarigaw nies li ilhom fil-mestier u cioe' is-socjeta' B.S.C. Freight Limited ta' Essex".*

Illi minn dan il-bran japplika dak li inghad fis-sentenza **"Benjamin Bonnici *nomine* vs Francis Vella *et nomine*"** (Citaz. Numru. 1083/92/JF - P.A. F. 30 ta' Ottubru 2000.)

*"Illi mill-provi jirrizulta kjarament li r-rabta kuntrattwali kienet bejn is-socjeta' attrici* (f'dan il-kaz l-attur) *u s-socjeta' konvenuta. Kull sub-appalt iehor raggunt bejn il-konvenuti nomine u t-terz - minghajr ebda partecipazzjoni jew intromissjoni da parte tas-socjeta' attrici* (f'dan il-kaz l-attur) - *m'ghandux ikun ta' impediment ghat-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta' konvenuta naxxenti mill-ftehim tal-garr milhuq bejniethom. Is-socjeta' attrici (*aqra ghal dan il-kaz l-attur) *ma kellha qatt xi rapport guridiku mat-terz. Is-socjeta' konvenuta naqset milli twassal il-merkanzija tal-attur … … kif kienet tenuta li taghmel … … … Il-konvenuti nomine ma rnexxilhomx jippruvaw li n-nuqqasijiet graw minhabba ragunijiet barra mill-kontroll taghhom. Fl-ebda waqt ma rrizulta li l-attur … ... ta l-kunsens tieghu jew awtorizza lill-konvenuti nomine biex dawn jinkarigaw it-trasport lil terz. Kull ftehim ghalih kien 'res inter alios acta' u n-norma applikabbli f'kaz bhal dan hija dik li 'pacta tertiis nec presunt nec nocent'".*

Illi huwa rilevanti li f'dik l-istess kawza hawn citata sahansitra giet michuda l-kjamata fil-kawza tat-terza persuna li s-socjeta' konvenuta kienet inkarigat sabiex iggor il-merkanzija minn barra minn Malta ghal Malta, stante li sostniet li l-unika relazzjoni li kienet tezisti kienet dik bejn l-attur u s-socjeta' konvenuta u ghalhekk la darba l-gudizzju huwa integru u fejn ir-responsabilita' tal-konvenut fil-konfront tal-attur hija indubittata, indipendentement minn x'relazzjonijiet jista' jkollu hu ma' haddiehor, mela allura l-kjamata fil-kawza tat-terz ma

ghandhiex tigi applikata. **("Mamo vs Abela nomine" -** A.C. 4 ta' Frar 2000).

Illi dawn il-principji kollha japplikaw ghall-kaz inkwistjoni stante li l-unika relazzjoni li tezisti dwar dan il-kuntratt ta' garr ta' merkanzija mill-Ingilterra ghal Malta kien proprju dak bejn l-attur u s-socjeta' konvenuta, u kull relazzjoni li setghet inholqot bejn is-socjeta' konvenuta u s-socjeta' estera indikata fin-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta hija estraneja ghall-posizzjoni tal-attur f'din il-kawza.

Illi tali relazzjoni tal-attur mal-istess socjeta' konvenuta tirrizulta ampjament mix-xhieda tal-istess partijiet u wkoll mid-dokumenti esebiti minn fejn jirrizultaw li parti mill-merkanzija effettivament ingabet Malta mill-istess socjeta' konvenuta kif jirrizulta mill-*invoice* mahruga mill-istess socjeta' datata 22 ta' Gunju 1995 a fol. 21 tal-process indirizzata lill-istess attur, apparti mill-ammissjoni tal-istess socjeta' konvenuta propju fin-nota tal-eccezzjonijiet taghha.

Illi l-istess socjeta' konvenuta donna pero' qed isostni li hija ma hijiex responsabbbli ghall-hsarat u nuqqas ta' konsenja tal-merkanzija u magna mertu tal-kawza odjerna stante li l-istess magna gratilha hsara waqt li kienet qed titghabba fl-Ingilterra proprju mill-istess socjeta' estera inkarigata minnha.

Illi pero' dan fl-opinjoni ta' din il-Qorti ma jreggiex, stante li s-socjeta' konvenuta xorta kellha l-obbligu li tonora l-obbligazzjonijiet minnha assunti u ma hemm xejn f'dan li juri li l-istess socjeta' konvenuta ghandha tigi ezonerata mir-responsabbilita' kawza ta' xi haga estraneja, stante li hija fil-konfront tal-attur ghandha tirrispondi ghan-nuqqasijiet tas-socjeta' inkarigata minnha, stante li din tal-ahhar ma ghandha u qatt ma kellha ebda relazzjoni guridika u legali mal-attur, salv dejjem id-dritt tal-istess socjeta' konvenuta li tagixxi kontra s-socjeta' estera jekk thoss li huwa l-kaz.

Illi dan kollu huwa ibbazat fuq il-principju enuncjat u kkonfermat mill-gurisprudenza nostrali fosthom fil-kawzi **"Reginald Micallef *nomine vs* Godwin Abela *nomine*" (**A. K. 16 ta' Marzu 1992 - LXXV.ii.430) u **"Mariano Sare' vs Antoine Ellul"** ( A.C. 12 ta' Gunju 1953 - XXXVII.i.197)

*"Id-debitur jibqa' dejjem responsabbli ghall-adempiment tal-obbligazzjonijiet minnu assunti sakemm ma jipprovax li l-inadempjenza kienet dovuta ghall-kawza estranea, forza magguri jew kaz fortuwitu; b'mod li huwa jibqa' dejjem tenut jekk l-obbligazzjoni ma gietx adempita bi htija tieghu jew ta' terzi persuni imqabbdin minnu".*

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz *de quo* jirrizulta li mill-provi huwa addirittura pacifiku li l-merkanzija gralha hsara waqt li kienet qed tigi merfugha sabiex titghabba fuq il-vapur, li certament timplika certu grad ta' negligenza minn

min kien qed jaghmel dan ix-xoghol li ghalih hija responsabbli s-socjeta' konvenuta li inkarigat lill-istess nies; fi kwalunkwe kaz ma jistax jinghad li minhabba li dan l-att ma giex kompjut mis-socjeta' konvenuta, dan ghandu jikkwalifika bhala kaz fortuwitu, stante li l-kaz fortuwitu irid jigi ppruvat minn min jallegah (XXXVII.i.440) u jrid ikun sproporzjonat man-normalita' tal-affarjiet, u fil-kaz odjern ma hemm l-ebda dubju li ma saret ebda prova ta' dan mis-socjeta' konvenuta, lanqas biex turi li tali hsara lill-istess merkanzija ma saritx b'negligenza tat-terz minnha imqabbad, anzi jirrizulta proprju l-kuntrarju, u f'dawn ic-cirkostanzi ma hemm l-ebda dubju li l-istess socjeta' konvenuta ma tistax tezimi ruhha mir-responsabilita' taghha verso l-attur naxxenti mill-inadempjenza taghha li tonora l-obbligu li hija assumiet fil-konfront tieghu.

Illi l-istess gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet **"Paul Musu *et vs* Francis Vella *nomine*"** (A.C. 4 ta' Dicembru 1998 - LXXXII.ii.1336) fejn inghad li:-

*"Din il-Qorti allura ma tistax ma taccettax il-konkluzjoni ta' L-Ewwel Qorti li s-socjeta' konvenuta ma rnexxilhiex tezimi lilha nfisha mir-repsonsabilita' ghall-akkadut. Mhux biss, indubbjament ghax ir-relazzjoni guridika diretta kienet biss bejn l-attur nomine u s-socjeta' konvenuta, in kwantu hu ma din is-socjeta' li kien finalizzat il-kuntratt ta' trasport; mhux biss ghaliex imkien ma jirrizulta li s-socjeta' konvenuta b'xi mod … … … ottjeniet il-kunsens taghha (*ghas-subappalt moghti) *imma ukoll ghaliex hu*

*adegwatament ippruvat li s-socjeta' kjamata fil-kawza* (it-terz) *inkarigata mis-socjeta' konvenuta kienet ghal kollox inadempjenti fir-rigward tar-responsabbilitajiet taghha bhala trasportatur li tassigura li l-merkanzija fdata f'idejha kontra kull riskju bhal dak li kkaguna d-danni reklamati f'din il-kawza. Din il-Qorti ghalhekk ma tistax taccetta s-sottomissjoni li dak li gara kien incident li sehh indipendentement mill-volonta' tas-socjeta' konvenuta … … ... Ma tistax taccetta li kien kaz fortuwitu fejn l-appelant nomine seta' jinvoka l-principju casus sentit dominus."*

Illi ghalhekk abbazi tal-premess, s-socjeta' konvenuta ghandha tinzamm responsabbli ghall-inadempjenza kontrattwali taghha verso l-attur, meta hija naqset li ggib l-istess magna mertu tal-kawza odjerna mill-Ingilterra ghall-Malta, kif obbligat ruhha li taghmel mal-attur, salv kull dritt lilha spettanti sabiex tagixxi kontra s-socjeta' estera minnha unilateralment inkarigata ghall-istess xoghol.

**III. LIKWIDAZZJONI.**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-istess magna maghrufa bhala *'head moulder'* kienet tiswa tmien t'elef u hames mitt lira sterlina (Stg.8,500) u dan fl-opinjoni ta' din il-Qorti jinsab ikkonfermat mill-affidavit tal-attur u wkoll mid-dokumenti originali a fol. 69 u 70 tal-process mahruga mid-ditta venditrici *"Trymwood Machinery Sales"* minn fejn jirrizulta li l-prezz tal-magni kollha kien stg.11,000, li minnhom skond ix-xhieda attrici stg 2,500 kienu ghall-

*panel saws* li effettivament waslu hawn Malta; illi ghalhekk il-bilanc ta' stg8,500 kien necessarjament ghall-istess magna mertu tal-kawza odjerna. Illi din il-Qorti qaghdet fuq d-dokumenti originali esebiti mill-attur u mhux fuq il-kopji fotostatici esebiti mis-socjeta' konvenuta, stante li din il-Qorti ghandha tinsisti fuq l-ahjar prova, u d-dokumenti originali huma fil-fatt l-ahjar prova li tista' ssir.

Illi pero' jirrizulta li d-ditta venditrici hadet l-istess merkanzija lura stante li bil-modifikazzjonijiet li hija kienet kapaci taghmel fuqha l-istess magna setghet tintuza bhala *four sided machine* u stmat l-istess magna il-valur ta' stg.3,000 li l-attur accetta, u ghalhekk il-valur li effittivament l-attur soffra bhala danni kien l-ammont ta' Stg.5,500 u b'hekk irnexxielu jimminimizza l-ammont ta' danni ghalih u fl-ahharnett ghas-socjeta' konvenuta.

Illi l-istess attur sostna li huwa hallas l-ammont ta' Lm500 bhala spejjez tal-vjagg u tas-soggorn, pero' ma gab l-ebda prova dwar l-istess ammonti, u wkoll ma jidhirx li l-attur ipprova li huwa telgha l-Ingilterra ghal din il-magna biss, u fil-fatt xtara magni ohra, apparti li lanqas gie ppruvat li tali vjagg sar esklussivament ghall-magni biss u fil-fatt ma hemm ebda prova dwar dan, din il-Qorti ma thossx li dan l-ammont pretiz mill-attur ghandu jigi accettat.

Illi l-istess japplika ghat-tielet pretensjoni tal-attur fejn qed isostni li huwa kellu diversi xogholijiet x'jaghmel u allura huwa ikkoncentra fuq ix-xoghol formanti parti mill-ordnijiet li

kellu skond id-dokumenti “H1”, “H2”, “H3”, “H4”, “H5”, “H6”, “H7”, “H8”, u “H9”, sabiex ma jehilx penali u ghalhekk abbanduna xoghol iehor, u minhabba f’hekk lesta ix-xoghol cirka erba’ (4) xhur wara d-data stipulata w allura qed jippretendi l-imghax fuq il-pagamenti li huwa ircieva erba’ (4) xhur wara fuq 50% qliegh li kellu skond l-istess kuntratti.

Illi l-attur ma gab ebda prova li huwa lesta l-istess xoghol tard u lanqas li l-pagamenti saru tard, u lanqas kif ikkalkula l-margni ta’ profitt tieghu, din hija prova li huwa kellu l-oneru li jaghmel stante li huwa kien qieghed ivvanta l-istess, u ghalhekk anke din il-pretensjoni qed tigi michuda.

Illi ghalhekk din il-Qorti tillikwida l-ammont ta’ danni sofferti mill-attur fl-ammont f’liri Maltin ekwivalenti ghas-somma ta’ stg. 5,500 bir-rata ta’ kambju ezistenti fid-data ta’ din is-sentenza, meta qed jigu likwidati l-istess danni.

**III. KONKLUZZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta bhala infondati fil-fatt u fid-dritt, **tilqa’ t-talbiet attrici** b’dan illi:-

1. Tiddeciedi li l-istess socjeta` konvenuta hija responsabbli ghad-danni li jigi li sofra l-attur minhabba hsarat avverrati fil-magna *de quo* kif fuq spjegat;

2. Tillikwida d-danni li jigi li sofra l-attur b'rizultat ta' l-inadempjenza tas-socjeta` konvenuta kif spjegat fl-ekwivalenti f'Liri Maltin ghas-somma ta' hames t'elef u hames mitt lira sterlina (Stg.5,500) skond ir-rata ta' kambju ezistenti fid-data ta' din is-sentenza meta qed jigu likwidati l-istess danni;

3. Tordna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur id-danni li gew hekk likwidati konsistenti fl-ekwivalenti f'Liri Maltin ghas-somma ta' hames t'elef u hames mitt lira sterlina (Stg.5,500) skond ir-rata ta' kambju ezistenti fid-data ta' din is-sentenza.

Bl-imghax legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni attrici fid-29 ta' Jannar 1996 sal-effettiv pagament u bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta' sekwestru li intalab il-hrug tieghu mal-presentata tac-citazzjoni attrici kontra s-socjeta' konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**23 ta' Ottubru 2001**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**23 ta' Ottubru 2001**